Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 48**

**Data:** Il-Tnejn, 19 ta' Lulju 2021
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Amministrattiva Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali / Online fuq Microsoft Teams

**Preżenti fil-Binja Amministrattiva**:
Is-Sur Mario Fava – President
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru

**Attendew online:**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru
Perit Graziella Galea – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**48.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.47**

48.1.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

48.1.2 Fuq proposta ta-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia u s-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva l-minuti.

**48.2 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 47**

| | |
|---|---|
| **48.2.1 Green Walll, Green Roof u Sistema ta' Irrigazzjoni** | Il-President semma li s-sejħa ġiet awarded is-sejħa u kien hemm l-ewwel laqgħa mal-kuntrattur. Semma li intbgħat disinn tar-roof garden sabiex jiġi approvat mill-Assoċjazzjoni imma l-AKL talbet lill-kuntrattur sabiex tiġi skedata laqgħa peress li jridu jsiru xi emendi. |
| **48.2.2 Group Life Policy** | Il-President semma li b' żieda għal dak li intqal għall-aħħar laqgħa, ġentilment xtaq jinforma li l-każ kien f' idejn is-Segretarju Permanenti sabiex sabiex issir l-emenda tal-Legal Notice li tirregolarizza din il-polza. Il-President semma li jidher li hemm madwar €3,600 li għadd iridu jintbgħatu mill-Kunsilli Lokali. Semma li dan huwa ta' riskju għall-AKL għal dawk il-persuni li ħalsu l-polza imma l-AKL għad ama bditiex il-kopertura. Għaldaqstant fuq proposta tal-President kien hemm qbil li l-AKL tħallas dawn €3,600 ħalli tibda l-polza u kif ukoll tinbgħat korripsondenza lill-Kunsilli konċernati li ladarba jkun hemm il-legal notice emendata dawn il-ħalsijiet jitħalsu lura lill-AKL. |
| **48.2.3 Kontroll tal-Ħamiem** | Il-President semma liqed ikun hemm laqgħat frekwenti mal-kuntrattur. Semma li qed jiġi ordnat l-ikel. |
| **48.2.4 Webinars u taħriġ organizzat mill-AKL** | Il-President semma matul ix-xhur tas-Sajf dawn il-webinars twaqqfu u ser ikunu qed ikomplu minn Settembru. Semma li l-attendenza hija waħda fqira u jinstab ferm iddiżappuntant li dejjem jattendu l-istess parteċipanti meta hemm 468 membru elett. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **48.2.5 AC Units** | Il-President semma li l-AC units li approva l-Ezekuttiv permezz ta' komunikazzjoni eletronika minħabba l-urġenza tax-xogħol, kienu lesti u imwaħħlin. |
| **48.2.12 PCRB – Bus Shelters** | Il-President semma li ma kienx hemm żviluppi mill-aħħar laqgħa tal-Eżekuttiv li saret. |

**48.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 47**

48.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami u s-Sur Joe Cordina ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-25 ta' Ġunju 2021 u d-19 t' Awwissu 2021 li kienet tammonta għall-€75,417.45.

**48.4 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **48.4.1 AKL BBQ tas-Sajf** | Il-President semma li kienu għaddejjin il-preparamenti kollha. Semma li kienu qed jiġu vverifikati iċ-ċertifikata tal-vaċċin kontra l-COVID-19. |
| **48.4.2 Team Building** | Il-President semma li l-AKL ser tkun qed torganizza teambuilding event nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Settembru 2021. Id-Diviżjoni tat ukoll permess lil dawk il-ħaddiema li ser jattendu sabiex jiġu eżentati minn fuq il-post tax-xogħol. |
| **48.4.3 Dokumenti Linji Gwida – Viżjoni AKL** | Il- President semma li kien ġie iċċirkulat l-ewwel dokument li kien jitratta l-Evs. Semma li fil-jiem li ġejjin ser ikunu qed jiġu ċirkulati dokumenti oħra li jitrattaw il-mobbilita' sostenbibbli. Il-President propona li flok jiġu printjati dawn id-dokumenti jkollna website dedikata għalihom biss bl-isem ta' Resident First. Din tkun integrata fil-website tal-AKL. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qabel li dawn għandhom ikunu kotba diġitali biex anki jkun hemm il-faċilita' li wieħed jemenda skond il-ħtieġa. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**48.4.4 Impjegati AKL**

Il-President semma li bħal issa l-AKL għandha wkoll żewġ studenti li qiegħdin jagħmlu l-placement tagħhom mal-Assoċjazzjoni. Semma li l-AKL assistiet sabiex studenti oħra jiġu assenjati mal-Kunsilli Lokali.

**48.4.5 Fondi LESA – Reġjun Tramuntana**

Il-President preżenta r-rapport finali għall-proposta tal-proġett ta' installazzjoni ta' CCTVs fil-lokalitajiet li jappartjenu lir-Reġjun Tramuntana, iffinanzjati mill-fondi tal-LESA 2018.
Wara diskussjoni mill-Eżekuttiv tal-AKL , b' erba' voti kontra, tnejn astjenew u vot favur, l-Eżekuttiv mhux ser ikunu qed jilqa' t-talba tar-Reġjun Tramuntana għar-revużjoni ta' dawn il-fondi. Din id-deċiżjoni ittieħdet fuq dawn il-binarji:

- Minkejja l-ħin li kellkom għad-dispożizzjoni tagħkom, kien biss fl-aħħar ġimgħat qabel id-data tal-għeluq li r-Reġjun għażel li jibdel il-proġett tiegħu.

- Proġett li minkejja li ġie approvat mill-AKL, inġibdet l-attenzjoni li jrid jitlesta fl-intier tiegħu sa l-aħħar ta' Mejju.

Permezz ta' komunikazzjoni mir-Reġjun, ir-rapport wassal għall-attenzjoni tal-AKL nhar il-Ħamis, 24 ta' Ġunju 2021, seba' ġimgħat wara d-data tal-għeluq.

**48.4.6 MoU dwar l-Integration Charter kif ukoll ieħor bejn l-AKL u Public Works**

Il-President semma li ser ikun qed jerġa' jibgħat kopja tal-MoUs sabiex l-Eżekuttiv jibgħat ir-rispons tiegħu sal-aħħar t' Awwissu 2021.

48.4.7 Perit Graziella daħlet għal-laqgħa online fis-18:00

**48.4.8 Konsultazzjoni AKL mal-Ministru għall-Gvern Lokali rigward Local Government policy.**

Il-President semma li fl-14 ta' Ġunju kienet saret laqgħa ta' konsultazzjoni mal-Ministru Herrera. Il-President semma li kienu ġew iċċirkulati il-minuti tal-laqgħa ma' dawk li kienu attendew. Semma li l-Eżekuttiv għadda r-rimarki tiegħu lill-Ministru li l-ewwel iridu jiġu irranġati l-affarjiet li għal xi raġuni jew oħra mhux qed jiffunzjonaw sabiex wara wieħed ikun jista' jibda jitkellem fuq riforma għall-Gvern Lokali.
Chev. Paul Farrugia semma li waqt il-laqgħa huwa għamel rikjesta sabiex ir-Reġjun Xlokk jibqa' jżomm l-

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

istess isem dan sabiex jiġu evitati spejjeż żejda li wieħed irrid jagħmel fir-re-branding kif ukoll sabiex jinbidlu l-kontijiet bankarji. Semma li jidher li l-Ministru kien laqa' t-talba tal-President Reġjun Xlokk u kien ser jaħdem fuqha.

**48.4.9** Is-Sur Mifsud daħal għal-laqgħa fis-18:01.

| | |
|---|---|
| **48.4.10 Ħsara Strutturali fil-Binja tal-AKL** | Il-President semma li l-AKL għaddejja b' komunikazzjoni mal-INDIS peress li jidher li hemm xi ħsarat strutturali fuq barra tal-binja. Semma li l-INDIS ser tkun qed tagħmel ix-xogħol neċessarju. |
| **48.4.11 Programm Illum ma' Steph** | Il-President semma li l-AKL irċeviet korrispondenza sabiex Kunsilli Reġjonali/ Kunsilli Lokali li jridu jieħdu sehem fil-programm Illum ma' Steph ikunu jistgħu jagħmlu dan billi jħalsu slot. Il-President semma li ser ikunu qed jiċċirkola l-informazzjoni. |
| **48.4.12 Dokumenti għall-Bank APS** | Il-President semma li intalab mill-bank APS sabiex l-AKL tippreżenti ċerti dokumenti fosthom kopji ta' ID cards awtentikati minn Perit, Avukat jew Accountant sabiex jivverifikaw il-firmatarji. |
| **48.4.13 Internal Green Wall** | Il-President semma li fil-parti tal-quddiem il-board room minflok jeħlu inkwatri isir tip ta' green wall artifiċjali jew bi pjanti li jistgħu jinżammu ġewwa. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qabel li għandhom jinġabru l-kwotazzjonijiet. |
| **4.4.14 E-scooters** | Il-President semma li qed isiru laqgħat ma' TM u anki l-Ministeru kkonċernat sabiex jibda proġett pilota sabiex jiġu kkontrolati E-scooters milli jinxteħtu kullimkien bl-addoċċ u jostakolaw żoni pedonali. Il-President semma li kien qed jiġbor lista ta' Kunsilli Lokali li kienu interessati fil-proġett. |
| **4.4.15 Revużjoni ta' fondi mill-LESA lejn il-Kunsilli Reġjonali** | Il-President semma li kien hemm sensiela ta' laqgħat mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u anki mal-LESA. Semma li sal-aħħar tas-sena 2021, il-LESA ser tkun ħalset lir-Reġjuni l-pendenzi kollha li kien hemm sal-aħħar tas-sena 2018. |

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Semma li kien hemm ukoll ftehim li s-snin 2019 u 2020 ser ikunu qed jitħalsu fuq l-istess formolarju tas-sena 2018. Semma li imbgħad mis-sena 2021, il-LESA ser tkun qed tħallas biss is-salarji tal-impjegati li jkunu qed jagħmlu x-xogħol ta' tribunal. Semma wkoll li fejn tidħol renta jitħallas biss dik li fiha hemm t-Tribunal.

Chev. Farrugia semma li fil-każ tar-Reġjun Xlokk l-ispejjeż huma kollha segregati peress li t-Tribunal u ir-Reġjun huma f' żewġ binijiet separati.

Is-Sur Michael Fenech Adami semma li għandu jkun hemm ftehim meta dawn il-ħlasijiet ser isisru. Il-President semma li ta' l-inqas f' 9 xhur għandhom jiġu imħalsa l-ispejjeż kollha pendenti.

**48.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju għat-Tieni Kwart tas-Sena Finanzjarja 2021**

48.5.1 Il-President ppreżenta r-rapport finanzjarju għat-Tieni Kwart tas-Sena 2021.

48.5.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva ir-rapport finanzjarju.

**48.6 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Reviżjoni Estimi Finanzjarji għas-Sena 2021**

48.6.1 Il-President ppreżenta r-reviżjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2021.

48.6.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Joe Cordina, l-Eżekuttiv approva ir-rapport finanzjarju.

**48.7 Affarjiet oħra**

48.7.1 Chev. Paul Farrugia semma li qed ikun hemm problema meta qed joħorġu vacancies mad-Diviżjoni fejn minn skala 16 wara 5 snin fl-impjig wieħed ikun jista' jitla' skala 15. Semma li wieħed irid jifhem li fir-Reġjuni u fil-Kunsilli Lokali hemm ukoll dawn it-tip ta' ħaddiema u hija inġusta fuqhom li ma jistgħux jitilgħu skala 15.

48.7.2 Is-Sur Jesmond Aquilina semma li mhux ġust li l-ħaddiema li daħlu ġodda mar-Reġjun (fuq skala ta' maniġerali) ma jkunux inklużi mal-ftehim kollettiv tal-ħaddiema tal-Kunsill Reġjonali/ Lokali.

48.7.3 Dr. Azzopardi talab li jiġi skużat mil-laqgħa 18:40.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

48.7.4 Is-Sur Aquilina semma li kien ħatar board tal-għażla sabiex jagħmel l-intervisti lill-kandidati prospettivi li applikaw biex jaħdmu fir-Reġjun Nofsinhar. Semma li l-Board kien kompost minn Membri tar-Reġjun stess u s-Segretarju Eżekuttiv. Semma li meta staqsew lid-Diviżjoni iridux jibgħatu rappreżentant tad-Diviżjoni sabiex ikun fuq il-board, deher li ma kienx hemm għalfejn isir dan. Is-Sur Mifsud semma huwa li huwa mexa fuq l-istess prassi li mexa biha s-Sur Aquilina u semma li kellu jikkonkludi f' temp ta' ftit jiem.

48.7.5 Il-President semma li xtaq isemmi li kien qed ikun hemm diffikultajiet fl-amministrazzjoni tal-AKL peress li jidher li hemm gap kbira bejn l-iskala u anki l-kompetenzi tas-Segretarju Eżekuttiv tal-AKL għall-iskala ta' taħtha. Semma kif ħafna xogħol bħal tenders, minuti, koordinazzjoni, proġetti tal-UE u affarjiet oħra kollha jridu jgħaddu minn taħt idejn is-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sur Aquilina semma li ħaddiema li qegħdin fi skala 11 għandhom jassumu r-responsabbilita' kollha tas-Segretarju Eżekuttiv meta dan ma jkunx l-uffiċju. Semma li għandu jkun hemm staff f' din il-kariga li jkunu kapaċi jmexu u jieħdu deċiżjonijiet waħidhom.

Il-President semma li minkejja li wieħed għadd irid jiddeċiedi l-iskala li fuqha trid toħroġ din il-vacancy, definittivament huwa jemmen li l-AKL għandu jkollha impjegat fuq skala 7 ħalli jassorbi parti mix-xogħol li jsir is-Segretarju Eżekuttiv, dan meta jidher li fil-ħaddiema preżenti għadd m' hemmx il-kompetenzi meħtieġa sabiex jassumu rwol ogħla minn dak li qegħdin jokkupaw bħal issa.

Is-Sur Fenech Adami u Chev Farrugia semmew li kieku ma kinitx il-ħidma li biha għaddejja l-AKL kieku l-Kunsilli Lokali huma mitlufa u x-xogħol jinstab kollu wieqaf. Is-Sur Fenech Adami semma li l-AKL m għandiex tiġi kkomparata la ma' Kunsill Lokali u lanqas ma' Kunsill Reġjonali. Semma li x-xogħol tal-AKL huwa differenti minn dak Reġjonali u anki tal-Kunsill Lokali.

**48.7 Aġġornament**

48.7.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' it-Tnejn, 19 ta' Lulju 2021 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt

**www.lca.org.mt**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.48 li nżammet nhar it-Tnejn, 30 t' Awwissu 2021 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**